**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il- Pulizija**
**(Spt. Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Annalise Agius detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 302685M.**

Kump. Nru. 206/2016

Illum 16 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Annalise Agius talli:

1. f'Lulju, 2015, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqlet tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' mija u ħamsin ewro (€150.00), għad-detriment ta' Rev. Walter Tommy Cauchi u/jew Bank of Valletta u/jew Alfred Muscat;

2. f'Lulju 2015 u fix-xhur ta' qabel, ikkommettiet serq ta' ċekk tal-Bank of Valletta bin-numri 001511, maħruġ fuq kont bankarju numru 12300714013 bi ħsara ta' Rev. Walter Tommy Cauchi; u/jew Bank of Valletta;

3. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu tar-Rev. Walter Tommy Cauchi; u/jew Bank of Valletta;
4. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamlet użu minn dokumenti foloz ghad-dannu tar-Rev. Walter Tommy Cauchi; u/jew Bank of Valletta.

Ukoll talli nhar it-22 ta' Diċembru, 2015 għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa u nofs u t-tmienja nieqes kwart ta' filgħaxija (1930hrs – 1945hrs) minn ġewwa s-sagristija tal-knisja ta' San Lawrenz, Birgu,

5. Ikkommettiet serq ta' *brief-case* konteneti ċwievet ta' diversi fondi tal-knisja, liema serq hu aggravat bil-hin, u lokk u li seħħ a detriment ta' Rev Joseph Mizzi

Il-Qorti ġiet mitluba li titratta lil Annalise Agius bħala reċediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li ġiet misjuba ħatja b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat li l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi r-raba imputazzjoni kienet mezz ghall-fini ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qeghda tinstab hatja taghhom l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni bikrija taghha kif ukoll tal-fatt li l-imputata mill-ewwel ammettiet l-involviment taghha hekk kif giet mitkellma mill-Pulizija. Ittiehed ukoll konsiderazzjoni tal-fatt li r-*res furtiva* ma gietx ritornata lill-parte leza kif ukoll tal-fedina penali taghha li xejn ma hi felici. Il-fatt li l-imputata naqset milli tidher quddiem din il-Qorti hekk kif ordnata kif ukoll illi tikkolabora mal-probation officer mahtura sabiex thejji pre-sentencing report ftit li ghenu sabiex jikkonvincu lil Qorti li hemm xi rieda tajba sabiex tirriforma ruhha minn naha tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 20, 49, 50, 183, 184, 261(e)(f), 281(b), 284, 285, 308, 309 u 310(c) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, u tikkundanaha ghal perijodu ta' sitta u ghoxrin xahar prigunerija.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**